A.L. 301 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Meraq tal-Frott u Prodotti Simili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2004 dwar Meraq tal-Frott u Prodotti Simili.

1.1 Dawn ir-regolamenti jimplimentaw il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/EEC dwar meraq tal-frott u ċerti prodotti simili intiżi għall-konsum mill-bniedem.

2. Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2004, iżda:

2.1 prodotti li jaqgħu taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti u li ma jikkonformawx ma' dawn ir-regolamenti, iżda li jikkonformaw mal-provvedimenti ta' l-Ordni ta' l-1998 dwar Meraq tal-Frott u Prodotti Simili (A.L. 242 ta' l-1998), jistgħu jitqegħdu fuq is-suq sat-12 ta' Lulju, 2004:

2.2 prodotti li jaqgħu taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti u li ma jikkonformawx ma' dawn ir-regolamenti, iżda li jikkonformaw mal-provvedimenti tal-Ordni ta' l-1998 dwar Meraq tal-Frott u Prodotti Simili (A.L. 242 ta' l-1998), u li twaħħlet tikketta fuqhom qabel t-12 ta' Lulju, 2004, jistgħu jibqgħu jinbiegħu sakemm jiġu eżawriti l-ħażniet.

Applikabilità.

3.1 Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-prodotti mfissra fl-Ewwel Skeda.

3.2 Dawn ir-regolamenti ma għandhomx jipprekludu l-possibilità taż-żieda ta' vitamini u minerali lill-prodotti mfissra f'taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Twaħħil ta' tikketti fuq prodotti (A.L. 5 ta' l-2002).

4.1 Ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel għandhom japplikaw għall-prodotti mfissra fl-Ewwel Skeda, taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

4.1.1 (a) L-ismijiet tal-prodotti msemmija fl-Ewwel Skeda għandhom japplikaw biss għall-prodotti li hemm referenza għalihom hemmhekk u għandhom, mingħajr ħsara għas-subparagrafu (b), jintużaw fil-kummerċ biex dawk il-prodotti jiġu deskritti bihom.

(b) Bħala alternattiva għall-ismijiet tal-prodotti li hemm referenza għalihom fis-subparagrafu (a), it-Tielet Skeda tipprovdi lista ta' ismijiet partikolari. Dawn l-ismijiet jistgħu jintużaw fil-lingwa u skond il-kundizzjonijiet msemmija fit-Tielet Skeda.

4.1.2 Jekk il-prodott ikun ġej minn xorta waħda biss ta' frott, l-isem ta' din ix-xorta għandu jintuża minflok il-kelma 'frott' .

4.1.3 Għal prodotti manifatturati minn żewġ xorta jew aktar ta' frott, ħlief fejn jintuża l-meraq tal-lumi skond il-kundizzjonijiet msemmija f' taqsima II.1 ta' l-Ewwel Skeda, l-ismijiet tal-prodotti għandhom jiġu miżjuda b' lista tal-frottiet użati, f' ordni dixxendenti tal-volum tal-meraq jew purejiet tal-frott inklużi. Madanakollu, fil-każ ta' prodotti manifatturati minn tlett xorta ta' frott jew aktar, l-indikazzjoni tal-frottiet użati tista' tinbidel bil-kliem 'diversi frottiet' jew kliem simili, jew bl-għadd ta' frottiet użati.

4.1.4 Għal meraq tal-frott li ġie magħmul ħelu biż-żieda ta' forom ta' zokkor, l-isem li taħtu jinbiegħu għandu jinkludi l-kliem 'magħmul ħelu' jew 'b'zokkor miżjud' , segwit b' indikazzjoni tal-kwantità massima taz-zokkor miżjud, ikkalkulata bħala materjal xott u espressa fi grammi għal kull litru.

4.1.5 Ir-restawr tal-prodotti mfissra f' taqsima I ta' l-Ewwel Skeda għall-istat oriġinali tagħhom, permezz tas-sustanzi strettament neċessarji għal din l-operazzjoni, ma għandux jinvolvi xi obligazzjoni li titniżżel fuq it-tikketta lista tal-ingredjenti wżati għal dan l-iskop. Iż-żieda ma' meraq tal-frott ta' polpa żejda jew ċelluli kif mfisser fit-Tieni Skeda għandha tkun indikata fuq it-tikketta.

4.1.6 Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 8(2) u 8(5) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, għal taħlitiet ta' meraq tal-frott u meraq tal-frott magħmul minn konċentrat, u għal nektar tal-frott magħmul kollu kemm hu jew parzjalment minn prodott konċentrat wieħed jew aktar, it-tikketta għandu jkollha fuqha l-kliem 'magħmul

minn konċentrat(i)' jew 'magħmul parzjalment minn konċentrat(i)', skond il-każ. Dik l-informazzjoni għandha tingħata viċin l-isem tal-prodott, tkun tispikka sew fuq l-isfond, u miktuba b' ittri li jidhru b'mod ċar.

4.1.7 Għal nektar tal-frott, it-tikketta għandha tindika l-kontenut minimu ta' meraq tal-frott, purea tal-frott jew kull taħlita ta' dawk l-ingredjenti, permezz tad-dikjarazzjoni 'kontenut ta' frott: ..... % minimu' . Dik l-informazzjoni għandha tingħata fl-istess kamp viżiv bħall-isem tal-prodott.

4.2 It-tikketta ta' meraq tal-frott ikkonċentrat li hemm riferenza għalih f' punt 2 ta' taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda u li ma huwiex intiż sabiex jitwassal lill-konsumatur aħħari għandu jkollha fuqha riferenza li tindika l-preżenza u l-kwantità ta' forom ta' zokkor miżjuda, jew ta' meraq tal-lumi jew aġenti li jżidu l-aċidità li huma permessi mir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Addittivi Permessi biex jintużaw ma' l-Ikel (A.L. 347 ta' l-2003). Din ir-referenza għandha tidher fuq il-materjal ta' l-ippakkjar, fuq tikketta mwaħħla mal-pakkett, jew fuq dokument li jkun flimkien mal-prodott.

Trattamenti u sustanzi awtorizzati

5.1 Mingħajr ħsara għar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Addittivi fi Ħwejjeġ ta' l-Ikel (A.L. 89 ta' l-1994), dawk it-trattamenti u sustanzi biss li huma msemmija f'taqsima II tal-Ewwel Skeda u l-materja prima li tikkonforma mat-Tieni Skeda jistgħu jintużaw sabiex jiġu manifatturati l-prodotti msemmija f'taqsima I ta' l-Ewwel Skeda. Barra minn dan, in-nektar tal-frott għandu jikkonforma mal-ħtiġiet tar-Raba' Skeda.

L-EWWEL SKEDA

Ismijiet ta' Prodotti, Definizzjonijiet ta' Prodotti u Karatteristiċi

I. DEFINIZZJONIJIET

1. (a) **Meraq tal-frott**

Il-prodott mhux iffermentat iżda li jista' jiffermenta meħud minn frott misjur u f'kundizzjoni tajba, frisk jew ippriżervat bil-kesħa, ta' xorta waħda jew aktar imħalltin flimkien, li għandu l-kulur u t-togħma karatteristika tipika tal-meraq li minnu ġej. Sustanzi li jagħtu t-togħma, polpa u ċelluli mill-meraq li jiġu separati waqt l-ipproċessar jistgħu jiġu restawrati fl-istess meraq. Fil-każ ta' meraq taċ-ċitru, il-meraq tal-frott għandu jiġi mill-endokarpu. Il-meraq tal-lumiċell, madanakollu, jista' jittieħed mill-frotta sħiħa, permezz ta' proċessi ta' produzzjoni adatti li permezz tagħhom il-proporzjon ta' kostitwenti tal-parti ta' barra tal-frotta jitnaqqsu kemm jista' jkun.

(b) **Meraq tal-frott magħmul minn konċentrat**

Il-prodott magħmul billi jerġa jiġi miżjud ma' meraq tal-frott ikkonċentrat ilma meħud minn dak il-meraq waqt il-konċentrazzjoni, u tiġi rrestawrata t-togħma,u, jekk ikun il-każ, polpa u ċelluli mitlufa mill-meraq iżda li ġew rekuperati waqt il-proċess tal-produzzjoni tal-meraq tal-frott in kwistjoni jew ta' meraq tal-frott ta' l-istess xorta. L-ilma miżjud għandu jkollu karatteristiċi xierqa, partikolarment mill-aspetti kimiċi, mikrobioloġiċi u organolettiċi, b' tali mod illi jiġu garantiti l-kwalitajiet essenzjali tal-meraq. Il-prodott hekk magħmul għandu jkollu karatteristiċi organolettiċi u analitiċi li jkunu ta' lanqas ekwivalenti għal dawk ta' tip medju ta' meraq meħud minn frott ta' l-istess xorta skond it-tifsira ta' (a).

2. **Meraq tal-frott ikkonċentrat**

Il-prodott magħmul minn meraq tal-frott ta' xorta waħda jew aktar permezz tat-tneħħija fiżika ta' proporzjon speċifiku tal-kontenut ta' ilma. Fejn il-prodott huwa intiż għal konsum dirett dik it-tneħħija għandha ta' lanqas tkun ta' 50 %.

3. **Meraq tal-frott imnixxef/forma ta' trab**

Il-prodott magħmul minn xorta waħda jew aktar ta' frott permezz tat-tneħħija fiżika ta' kważi l-kontenut kollu ta' ilma.

4. **Nektar tal-frott**

(a) Il-prodott mhux iffermentat iżda li jista' jiffermenta magħmul billi jiżdiedu ilma u forom ta' zokkor u/jew għasel mal-prodotti mfissra f' punti 1, 2 u 3, ma' purea tal-frott jew ma' taħlita ta' dawk il-prodotti, liema prodott, barra minn hekk, jissodisfa l-ħtiġiet tar-Raba' Skeda. Iż-żieda ta' forom ta' zokkor u/jew

għasel hija permessa sa 20 % tal-piż totali tal-prodott lest. Fejn nektar tal-frott jiġi mmanifatturat mingħajr zokkor miżjud jew b' kontenut baxx ta' enerġija, il-forom ta' zokkor jistgħu jiġu mibdula kollha kemm huma jew parzjalment ma' dolċifikanti, skond ir-Regolamenti ta' l-2000 dwar Dolċifikanti li jintużaw f' Oġġetti ta' l-Ikel (A.L. 268 ta' l-2000).

(b) Bħala deroga minn (a), ix-xorta ta' frott msemmija f' taqsimiet II u III tar-Raba' Skeda u l-berquq jistgħu jintużaw, waħedhom jew imħalltin flimkien, fil-manifattura ta' nektar mingħajr iż-żieda ta' zokkor, għasel u/jew dolċifikanti.

II. INGREDJENTI AWTORIZZATI, TRATTAMENTI U SUSTANZI

1. **Ingredjenti Awtorizzati**

– Skond il-provvedimenti ta' regolament 2, iż-żieda ta' vitamini u minerali hija awtorizzata fil-każ tal-prodotti mfissra f' taqsima I, soġġetta għar-Regolamenti ta' l-1998 dwar l-Ittikkettjar b'Tagħrif Nutrittiv għall-Ħwejjeġ ta' l-Ikel (A.L. 247 ta' l-1998).

– It-togħma, polpa u ċelluli rrestawrati lill-meraq tal-frott skond id-definizzjoni f' taqsima I.1(a) iridu jkunu ġew mifruda minn dak il-meraq waqt l-ipproċessar, filwaqt izda li togħma, polpa u ċelluli rrestawrati lill-meraq tal-frott skond it-tifsira f' taqsima I.1(b) jistgħu wkoll ikunu ġejjin minn meraq tal-frott tal-istess xorta. Għal meraq tal-għeneb biss, jistgħu jiġu rrestwrati mlieħ ta' aċidi tartariċi.

– Għall-prodotti mfissra f' taqsima I.1, 2 u 3, ħlief għal meraq tal-lanġas u tal-għeneb, hija permessa ż-żieda ta' forom ta' zokkor:

• sabiex tiġi regolata togħma aċiduża, il-kwantità ta' forom ta' zokkor miżjuda, espressa bħala materjal xott, ma tistax taqbeż 15 g għal kull litru ta' meraq,

• sabiex tingħata togħma ħelwa, il-kwantità ta' forom ta' zokkor miżjuda, espressa bħala materjal xott, ma għandux jaqbeż 150 g għal kull litru ta' meraq

b' dan iżda illi l-ammont totali ta' zokkor miżjud kemm sabiex jirregola togħma aċiduża kif ukoll sabiex jagħti togħma ħelwa ma għandux jaqbeż 150 g għal kull litru.

– Għall-prodotti mfissra f' taqsima I.1, 2, 3 u 4, sabiex tiġi rregolata togħma aċiduża, hija awtorizzata ż-żieda ta' meraq tal-lumi u/jew meraq tal-lumi kkonċentrat sa 3 g għal kull litru ta' meraq, espressi bħala aċidu ċitriku mingħajr ilma.

– Id-diossidu tal-karbonju huwa awtorizzat bħala ingredjent.

Iż-żieda ta' forom ta' zokkor flimkien ma' meraq tal-lumi, kemm jekk ikkonċentrat kemm jekk le, jew ta' aġenti aċidifikanti skond kif permess mir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Additivi Permessi biex jintużaw ma' l-Ikel, lill-istess meraq tal-frott, hija projbita.

2. **Trattamenti u Sustanzi Awtorizzati**

– Proċessi mekkaniċi ta' estrazzjoni

– Il-proċessi fiżiċi tas-soltu, inkluż estrazzjoni in-line bl-ilma (diffużjoni) tal-parti li tittiekel ta' frott minbarra l-għeneb għall-manifattura ta' meraq tal-frott ikkonċentrat, sakemm il-meraq tal-frott ikkonċentrat hekk meħud jikkonforma ma' taqsima I.1.

– Għal meraq tal-għeneb, fejn saret sulfitazzjoni permezz ta' diossidu tal-kubrit, hija permessa d-disulfitazzjoni permezz ta' mezzi fiżiċi, sakemm il-kwantità totali ta' SO_2 preżenti fil-prodott finali ma taqbiżx 10 mg/l.

– Enzimi pektolitiċi.

– Enzimi proteolitiċi.

– Enzimi amilolitiċi.

– Ġelatina li tittiekel.

– *Tannins*.

– Bentonit.

– Aeroġel tas-silikon.

– *Charcoal*.

– Aġenti kimikament inerti li jgħinu t-tisfija u l-preċipitazzjoni (eż.: perlit, diatomit maħsul, ċelluloża, poliamid li ma jinħallx, *polyvinylpolypyrolidone*, polistirene), li jikkonformaw mal-liġijiet relevanti dwar materjali u artikoli intiżi sabiex jiġu f' kuntatt ma' ħwejjeġ ta' l-ikel.

– Sustanzi kimikament inerti li jgħinu l-adżorbiment u li jikkonformaw mal-liġijiet relevanti dwar materjali u artikoli intiżi sabiex jiġu f' kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel, u li jintużaw sabiex jitnaqqas il-kontenut ta' limonojdi u narigin ta' meraq taċ-ċitru mingħajr ma dan jolqot b'mod sostanzjali l-glukosidi limonojdi, aċidu, forom ta' zokkor (inkluż oligosakkaridi) jew kontenut ta' minerali.

IT-TIENI SKEDA

Definizzjonijiet ta' Materja Prima

Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. Frott

Kull xorta ta' frott. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, it-tadam ma huwiex meqjus bħala frott.

2. Purea tal-frott

Il-prodott mhux iffermentat iżda li jista' jiffermenta magħmul billi tingħadda minn passatur il-parti li tittiekel ta' frott sħiħ jew imqaxxar mingħajr ma jitneħħa l-meraq.

3. Purea kkonċentrata tal-frott

Il-prodott magħmul minn purea tal-frott permezz tat-tneħħija fiżika ta' proporzjon speċifiku tal-kontenut ta' ilma tiegħu.

4. Zokkor

Għall-produzzjoni ta' :

(a) nektar tal-frott:

– zokkor skond id-definizzjoni fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/111/EC ta' l-20 ta' Diċembru 2001 dwar ċerta forom ta' zokkor intiżi għal konsum mill-bniedem,

– ġulepp tal-fruttożju,

– zokkor meħud minn frott:

(b) meraq tal-frott magħmul minn konċentrat:

– zokkor skond id-definizzjoni fid-Direttiva 2001/111/EC,

– ġulepp tal-fruttożju:

(ċ) meraq tal-frott: il-forom ta' zokkor msemmija f'(b) u li fihom anqas minn 2 % ilma.

5. Għasel:

Il-prodott skond id-definizzjoni fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/EC ta' l-20 ta' Diċembru 2001 dwar l-għasel.

6. Polpa jew ċelluli

Il-prodotti meħudin mill-partijiet li jittieklu ta' frott ta' l-istess xorta mingħajr ma jitneħħa l-meraq. B'żieda ma' dan, għal frott taċ-ċitru, polpa jew ċelluli huma l-boroż tal-meraq meħuda mill-endokarpu.

IT-TIELET SKEDA

Ismijiet Partikolari għal Ċerti Prodotti msemmija fl-Ewwel Skeda

L-ismijiet riżervati f'din l-Iskeda għandhom japplikaw mingħajr ħsara għall-provvedimenti dwar lingwi permessi, kif imsemmija fir-regolament 18(1) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Reklamar ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel.

(a) 'succo e polpa', għal nektar tal-frott magħmulin esklużivament minn purea tal-frott u/jew purea tal-frott ikkonċentrata:

(b) 'mosto' , sinonimu ta' meraq ta' l-għeneb.

IR-RABA' SKEDA

Provvedimenti Speċjali dwar Nektar tal-Frott

Nektar tal-frott magħmul minn	Kontenut minimu ta' meraq u/jew purea (% tal-volum tal-prodott lest)
I. Frott b' meraq aċiduz li ma jittiekilx fl-istat naturali	
Passion fruit	25
Quito naranjillos	25
Blackcurrants	25
Whitecurrants	25
Redcurrants	25
Gooseberries	30
Sallow-thorn berries	25
Sloes	30
Għanbaqar	30
Quetsches	30
Rowanberries	30
Rose hips	40
Ċirasa qarsa	35
Ċirasa oħra	40
Bilberries	40
Elderberries	50
Raspberries	40
Berquq	40
Frawli	40
Tut/ċawsli	40
Cranberries	30
Sfarġel	50
Lumi u lumiċell	25
Frott ieħor f'din il-kategorija	25
II. Frott bil-polpa jew b' togħma qawwija b' kontenut baxx ta' aċidu, b' meraq li ma jittiekilx fl-istat naturali	
Mango	25
Banana	25
Guava	25
Papaja	25
Lychees	25

Nektar tal-frott magħmul minn	Kontenut minimu ta' meraq u/jew purea (% tal-volum tal-prodott lest)
Naspli	25
Soursop	25
Bullock' s heart or custard apple	25
Sugar apples	25
Rummien	25
Cashew fruits	25
Għanbaqar ta' Spanja	25
Umbu	25
Frott ieħor f'din il-kategorija	25
III. Frott b'meraq li jittiekel fl-istat naturali	
Tuffieħ	50
Langas	50
Ħawħ	50
Frott taċ-ċitru ħlief għal lumi u lumiċell	50
Ananas	50
Frott ieħor f'din il-kategorija	50